# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Frar, 2002

**Numru**

**Avviz numru: 5/02mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Joseph Quattromani u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Frar, 2002, gie kjamat fil-kawza Saviour Deguara**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u disgha u tletin lira Maltin u centezmu

(Lm1739.01) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 581437 (skond kif jirrizulta mill-anness ‘statement” Dok A) liema servizz gie nstallat fil-fond li jgib in-numru ufficjali 60, bl-isem ‘Demsey Bar’, fi Triq ix-Xitwa, Bugibba,  u dana skond ma kif jidher mill-anness ‘service agreement’ Dok B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta’ l-Avviz, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet lil kmajat fil-kawza, Saviour Deguara, fejn ammetta t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici fil-konfront tal-kjamat fil-kawza, bl-ispejjez kontra tieghu.